# Limerikki (i)

**415.**

Kien hemm darba mara fuq tagħha
li kienet tħobb toħroġ kelb magħha;
u taqbdu minn nagħsu,
u tbusu fuq rasu
kull xħin jgħaddi ġuvni minn magħha.

**416.**

Kien hemm darba raġel f'Tal-Ħniena
li fl-ikel ġol-platt sab wirdiena;
"tgħid xejn," qaltlu Żolla,
"għaliex it-tfal kollha
kull wieħed jitlobni wirdiena."

**417.**

Kien hemm raġel darba l-Munxar
li ħolom li nbidel fi ħmar,
u qam mill-inħir,
maqtugħ bit-twerwir,
għalkemm huwa veru kien ħmar.

**418.**

Kien hemm darba raġel tas-Sliema
li tella' fuq rasu ħamiema;
kif tagħmel ferħana
tal-bejta fis-sħana
ħamġitlu fuq rasu l-ħamiema.

**419.**

Kien hemm darba raġel bla xagħar,
b'ras qargħa kien qisha fuklar;
kien jixtri l-imxat,
jerfagħhom fi platt
għaż-żmien meta jkabbar ix-xagħar.

**420.**

Kustilji jingħaddu minn barra
bħall-kordi ta' fuq il-kitarra
hu kellu, u l-mara
quddiem u minn wara
iddoqqhom bil-gost bħal kitarra.

**421.**

Kien hemm darba l-Belt waiter gwapp,
li jberren il-flixkun għat-tapp,
u spiċċa xħin lejh
int tħares, b'idejh
iberren u jgħajjat tapp tapp.

**422.**

Kien hemm darba xiħ min-Nadur
li waħħal fuq rasu pinnur;
minn fejn ġej ir-riħ
jaf dejjem ix-xiħ,
u jimxi kif jgħidlu l-pinnur.